Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

ID-DISA' LEĠISLATURA

3 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.20 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Simona Refalo - Kunsillier

Josef Charles Hili – Kunsillier

Paul Azzopardi - Kunsillier

Jeanelle Attard – Kunsillier

George Zammit - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Chrismar Xuereb - Segretarju Eżekuttiv

SR Cx

## 1.1 Ħatra ta' Sindku

1.1 Il-Laqgħa tmexxiet mis-Sur George Zammit hekk kif dan kien l-aktar Kunsillier anzjan li kontinwament serva fil-kariga u li jappartjeni lil dak il-partit li fl-aħħar elezzjoni eleġġew il-maġġoranza tal-kunsillieri.

1.2 Il-Kunsillier George Zammit beda billi awgura lill-kunsilliera kollha li ġew eletti., u wara spjega li l-Kunsilliera Simona Refalo kienet l-aktar kunsilliera li ġabet voti mill-partit li kiseb il-maġġoranza ta' siġġijiet u għalhekk demokratikament hi il-kunsillier li għandha tokkupa l-kariga ta' Sindku. Il-Kunsilliera Simona Refalo aċċettat din il-kariga fil-preżenza tal-kumplament tal-kunsillieri eletti.

1.3 Is-Sindku, Simona Refalo, bdiet l-ewwel diskors tagħha b'ringrazzjament lejn il-komunita tax-Xewkija. Refalo semmiet il-fatt li l-kunsill huma magħmul anke min nies li diġa servew fil-Kunsill, George Zammit, Paul Azzopardi u Jeanelle Attard, u anke kunsillieri ġodda, hi u anke Josef Charles Hili. Is-Sindku saħqet li hi konvinta li l-kunsill ser jaħdem u jikkollabora flimkien għal ġid tax-Xewkija. Refalo stqarret li hi ser tkun dejjem hemm għall-għajnuna ta' kullħadd u li tħares il-quddiem sabiex il-Kunsill jikseb is-suċċessi mixtieqa.

1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-insinja lis-Sindku Simona Refalo flimkien mal-badge u ċ-ċwievet tal-uffiċċju tal-Kunsill.

## 1.2 Ħatra ta' Viċi-Sindku

1.2.1 Il-kunsillier George Zammit staqsa lill-kunsillier Paul Azzopard, jekk hux qed jaċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku hekk kif hu kien ġab it-tieni l-akbar ammont ta' voti minn fost il-partit politiku li ġab il-maġġoranza tas-siġġijiet. Il-kunsillier Paul Azzopardi aċċetta din il-kariga. Paul jawgura lill kulħadd, kif ukoll lil dawk li kkontestaw. Huwa żied jgħid li l-kunsill għandu jaħdem flimkien għal-ġid tax-Xewkija..

Is-Segretarju Eżekuttiv stieden lis-Sindku, lil Viċi Sindku u l-Kunsillieri eletti sabiex fil-5 ta' Lulju 2024 jattendu għaċ-ċerimonja tal-għoti ta' Ġuramenti tas-Sindku u Viċi Sindku il-Belt Victoria, Għawdex.

## 1.3 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

1.3.1 Il-laqgħa ntemmet fil- . Il-kunsillieri unanimament qablu li s-seduta li jmiss tkun nhar l-Ħamis 11 ta' Lulju 2024 fl-4:00pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

Simona Refalo

Chrismar Xuereb

Sindku

Deputat Segretarju Eżekuttiv